Minuti tal-Laqgħa Nru. 46 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Performance Bonus
5. Mozzjonijiet
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa lil Kunsill preżenti jekk hux possibli li l-laqgħa issir għal aħħar Ħamis tax-xahar. Il-membri preżenti wieġbu li mhux problema li ssir din il-ġurnata.

1.2 Il-Kunsillier Caruana irrimarka biex il-lista tal-Kunsilliera li tidher fil-bidu tal-minuti tiġi mniżżla skont l-ordni ta kif il-Kunsilliera ġew eletti fl-aħħar Kunsill.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti preċedenti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm garaxx ta Leli tax-Xulli li jinsab fi Triq il-Karmnu. Dan il-garaxx jesa madwar żewġ karozzi li jidħlu bil-kumdita. Il-Kunsillier semma li sid dan il-garaxx qed jitlob kera' ta € 1281.15 fis-sena. Huwa ssuġġerrixxa biex issir kuntratt li jorbot dan il-prezz għal 5 snin. Il-Kunsillier semma wkoll li dan fih l-elettriku u l-kera u l-konsum tal-elettriku jitħallsu min sid il-garaxx.

3.2 Is-Sindku semma biex il-Kunsill jikkonsidra dan il-garaxx għal kera anki peress li huwa komdu biex jiddaħħal il-vann. Huwa ħeġġeġ biex jekk hemm xi kunsilliera oħra li hjafu b' xi garaxxijiet li jinstabu għal kiri jressquhom. Huwa qal ukoll li l-garaxx li għandu bħalissa l-Kunsill jagħlaq il-kera sal-aħħar ta' Frar.

3.3 Il-Kunsillier Caruana qal li peress li fil-vann qed jitgħabbew materjali bħal ġebel li jistgħu jagħmlu ħsara fil-kaxxa tkun ħaġa tajba li din tinkesa b' folja tal-metall biex materjal li jkun hemm fil-kaxxa ma jmissx direttament fuq il-ħadid tal-kaxxa. L-istess Kunsillier issuġġerrixxa biex anki jkun hemm karru biex fuqu jitgħabbew makkinarju bħal ġeneratur jew affarijiet tqal biex jiġi evitat li jsir ħsara fuq il-kaxxa tal-vann.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li ma jaqbilx li qed ikun hemm ħaddiema li qed jgħinu lil personnel tal-ELC li hemm assenjat mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li saret ittra lil istess kumpanija fejn kien hemm diversi osservazzjonijiet u lmenti fuq is-servizz li qed jingħata l-Kunsill.

3.5 Is-Sindku saqsa lil Kunsillier Caruana kemm jiġi jiswa biex issir dan il-karru għal vann. Il-Kunsillier Caruana wieġeb li huwa se jġib kwotazzjonijiet rigward il-karru. Il-Kunsillier Caruana qal li se jkellem lis-Sur. Nazju Penza rigward din il-ħaġa u jġibu l-kwotazzjonijiet.

3.6 Is-Sindku semma li se ssir laqgħa mas-Sotto Kumitat tal-Kultura, Ambjent u Edukazzjoni li fiha se tiġi diskussa l-attivita li se ssir għal okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera preżenti biex jattendu għal laqgħa u jikkontribwixxu. Il-Kunsilliera preżenti

saqsew meta se ssir il-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jattendu. Kien hemm diskussjoni dwar meta għandha issir il-laqgħa mas-Sotto Kumitat, kien hemm qbil biex din issir fil-11 ta' Frar.

3.7 Il-Kunsillier Caruana qal biex jekk se jsiru wirjiet agrarji waqt l-attivita dawn ma jsirux filgħaxija għax inkella ma jkunux jistgħu jitgawdew sewwa. Huwa qal li importanti li jkun hemm dawl biżejjed waqt il-wirjiet biex in-nies ikunu jistgġu jaraw l-affarijiet sewwa. Il-Kunsillier Caruana qal li din id-darba tista' tkun involuta aktar il-Parroċċa u tagħti sehemha biex titella' din l-attivita.

3.8 Is-Segretaru semma li se jsiru courses tal-ECDL organiżatti mit-TCTC. Il-Viċi Sindku saqsa fejn dawn il-courses se jsiru. Is-Segretarju wieġeb li se jistaqsi biex iġġib aktar dettalji.

3.9 Is-Segretarju semma li se ssir laqgħa fejn se jkunu introdotti standards ġodda rigward il-bandli. Din il-laqgħa se ssir fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Hemm mistednin il-Kunsilliera li huma responsabbli mill-bandli kif ukoll ic-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ.

3.10 Il-Kunsillier Piscopo saqsa x se jsir mil-water culverts li hemm fi Triq .Is-Segretarju wieġeb li meta hu mar jara x' inhi s-sitwazzjoni huwa sab li kien hemm id-djuq fihom peress li kien hemm katusa għaddeja mill-culvert. Is-Sindku semma li għandha tissejjaħ il-perita fuq il-post biex tara x' inhi s-sitwazzjoni u kif tista tinstab soluzzjoni.

## 4.0 PERFORMANCE BONUS

4.1 Is-Sindku semma li dan ix-xahar kien wasal iż-żmien biex l-istaff tal-Kunsill jingħata l-performance bonus. Is-Segretarju ħass il-ħtieġa li joħroġ mill-kamra biex jiġi diskuss dan l-item. Huwa qal li s-Segretarju għalkemm ilu ftit żmien, diġa involva ruħu ħafna u ħa interess kbir fix-xogħol. Huwa qal li s-Segretarju ikun dejjem preżenti u involut fl-affarijiet tal-Kunsill. Min naħa tiegħu s-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jingħata full performance bonus. Kien hemm vot unanimu biex is-Segretarju u l-istaff tal-Kunsill jingħataw full performance bonus.

## 5.0 MOZZJONIJIET

5.1 Il-Kunsillier Camilleri ressaq mozzjoni li kienet sekondata mis-Sindku biex fl-okkażżjoni tal-Karnival titella attivita ġewwa l-Pjazza tal-lokalita. Huwa semma li jistgħu jiġu kkuntatjatti kumpaniji ta żeffiena tal-Karnival biex jagħti sehem f' din l-attivita.

## 6.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ

6.1 Is-Sindku semma li fuq il-proġett tal-embellishment ta' Ħal Farruġ kien hemm tibdil fil-proġett biex flok ma ssir il-fażi tal-embellishment issir il-fażi tar-resurfacing. Kien hemm bżonn li jsir dan it-tibdil peress li ġie skopert li faċċatta ta fejn se jsir l-embellishment se jsir proġett mill-Housing u dak kolliu li jkun sar jista' jerġa jitkisser. Huwa qal li saret talba biex issir kambjament fil-proġett u ssir il-parti tar-resurfacing anki peress li t-triq tinsab fi stat ħazin. Huwa qal li kien hemm risposta fejn it-talba tal-Kunsill ġiet milqugħuhau se jsir ir-resurfacing.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

7.1 Is-Sindku semma li l-invoices li intbagħatu tal-Wasteserv m għandhomx jitħallsu peress li l-ammont li ntalab bħala tipping fees kien jaqbeż l-ammont li kien hemm allokat lil Kunsill. Huwa qal li diġa kien hemm ħlas aktar milli suppost. Huwa semma li l-issue tat-tipping fees kien inqala waqt il-laqgħa tas-Sindki li kienet saret fejn issemma li m' għandhomx jitħallsu flus aktar milli hemm allokat fuq tipping fees. Huwa qal li s-Segretarju se jkellem is-Sur. Michael Cohen fuq dan il-każ.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 26 ta' Jannae fis-6.40 p.m. Ma kienx hemm data miftiehma għal laqgħa tax-xahar ta' Frar.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |